



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.12.2004
KUMM(2004)823 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Qafas Speċjali ta' Assistenza għal Fornituri Tradizzjonali tal-Banana ta' l-Istati
Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku(ACP)**

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999)

Rapport ta' Kull Sentejn mill-Kummissjoni

2004

1. INTRODUZZJONI

1.1 Fl-2003, il-produzzjoni dinjija tal-banana kienet ta' madwar 69 miljun tunnellata. L-akbar produttur huwa l-Indja filwaqt li l-esportaturi prinċipali huma l-Ekwador, il-Kosta Rika, il-Filippini u l-Kolumbja.

Kważi l-banana kollha li tiġi importata ġewwa l-Istati Uniti hija ta' oriġini Amerikana Latina. Il-banana mill-Amerika Latina għandha wkoll sehem ta' iktar minn 60% tas-suq tal-KE filwaqt li l-importazzjoni mill-ACP u l-produzzjoni tal-Komunità jaqsmu bejniethom il-bqija tas-suq kważi bl-istess proporzjon.

Fl-2002, kważi 95% ta' l-esportazzjoni kollha tal-banana mill-pajjiżi ta' l-ACP inbiegħet lill-UE. Fl-2003, l-importazzjoni tal-banana mill-Kosta ta' l-Avorju u l-Kamerun kienet tammonta għal iktar minn 60% ta' l-importazzjoni kollha ta' l-ACP lejn l-UE.

1.2. Tradizzjonalment l-importazzjoni tal-banana ġewwa l-Unjoni Ewropea kienet regolata minn sistema ta' kwoti bi trattament preferenzjali qawwi favur il-banana li tiġi mill-Afrika, mill-Karibew u l-Paċifiku ('lhekk imsejja pajjiżi ta' l-ACP). Ir-reġim li jirregola l-importazzjoni tal-banana ta' l-UE ma nbidilx matul il-perjodu 2002-2004. Wara t-tkabbir ta' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004, il-volum tal-banana importata ġie miżjud bi kwantità addizzjonali għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru 2004 sabiex tkun garantita provvista suffiċjenti ta' banana lill-konsumaturi fil-Komunità mkabbra.

L-UE kisbet żewġ derogi mingħand l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) biex ikopru l-arranġamenti preferenzjali fuq l-importazzjoni għall-ACP. L-ewwel¹ tkopri l-preferenza tat-tariffi għall-importazzjoni tal-banana għall-ACP taħt il-Ftehim ta' Cotonou sa l-1 ta' Jannar 2008. It-tieni² tkopri r-riserva ta' kwota Ċ għall-ACP sa l-1 ta' Jannar 2006.

L-UE qablet li tintroduċi reġim ta' "tariffi biss" għall-importazzjoni tal-banana mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2006.³ Il-livell ta' din it-tariffa għadu ma ġiex iffissat. Il-pajjiżi ta' l-ACP ser ikomplu jgawdu minn preferenza tat-tariffi taħt ir-reġim il-ġdid: il-vantaġġ preferenzjali tagħhom fuq is-suq ikun jiddependi, madankollu, fuq il-livell miftiehem tat-tariffa.

1.3 Bl-għan li jagħmilha iktar faċli għat-tnax-il fornitur tal-banana ta' l-ACP biex ilaħħqu mat-transizzjoni għall-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, fl-1999 kien diġà

¹ Deċiżjoni tal-WTO ta' l-14 ta' Novembru 2001: WT/MIN(01)15: "Komunitajiet Ewropej – Il-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE".

² Deċiżjoni tal-WTO ta' l-14 ta' Novembru 2001: WT/MIN(01)16: "Komunitajiet Ewropej – Reġim tradizzjonali għall-kwota tar-rata tat-tariffi awtonomi tal-KE fuq l-importazzjoni tal-banana".

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 216/2001

twaqqaf Qafas Speċjali ta' Assistenza (SFA), permezz ta' entrata speċifika fil-baġit. Ħames pajjiżi Afrikani u seba' pajjiżi tal-Karibew huma kkunsidrati bħala fornituri tradizzjonali u għalhekk huma benefiċjarji ta' l-SFA. Dan il-qafas jipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja għal proġetti speċifiċi sottomessi mill-pajjiżi kkonċernati, ibbażati fuq strateġija fit-tul miftiehma minn qabel u approvata mill-Kummissjoni. L-allokazzjonijiet individwali tal-pajjiżi jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' żewġ kriterji, jiġifieri, kemm id-differenza fil-kompetittività li tkun osservata meta mqabbla ma' fornituri ta' pajjiżi terzi, kif ukoll l-importanza tal-produzzjoni tal-banana lill-ekonomija tal-pajjiżi kkonċernati ta' l-ACP. B'mod ġenerali, matul l-ewwel snin ta' l-implimentazzjoni (1999-2001) l-allokazzjonijiet iffokaw iktar fuq it-titjib fil-produttività milli fuq id-diversifikazzjoni, filwaqt illi matul il-perjodu mill-2002 sa l-2004 il-prijorità kienet li jkunu ffaċilitati l-isforzi fid-diversifikazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati. Taħt iż-żewġ Regolamenti,⁴ beda jkun applikat tnaqqis massimu ta' 15% mill-bidu ta' l-2004 għall-allokazzjonijiet kollha tal-pajjiżi. Skond ir-Regolamenti, it-tnaqqis huwa inqas fil-każ ta' pajjiżi li rnekkxhom iżidu l-kompetittività tagħhom.

2. BAŻI LEGALI

Fit-22 ta' April 1999, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 856/1999⁵ billi introduċa qafas speċjali ta' assistenza għal fornituri tradizzjonali tal-banana ta' l-ACP. Fit-22 ta' Lulju 1999, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 1609/1999⁶ li jstipula r-regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni tiegħu.

Fl-2002, l-entrata fil-baġit kienet tammonta għal €40 miljun. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li allokati l-ammonti (individwali) disponibbli fl-2003 taħt il-qafas speċjali ta' assistenza kienet adottata fl-14 ta' Marzu.⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni rilevanti għall-entrata fil-baġit ta' l-2004, li jammonta għal total ta' € 37.31 miljun, kienet adottata fl-1 ta' April 2004.⁸

2.1. Għanijiet

L-għan globali huwa li jew tkun mtejbja l-kompetittività tal-produzzjoni tal-banana mill-pajjiżi tradizzjonali ta' l-ACP jew li tkun sostnuta d-diversifikazzjoni kull fejn il-kompetittività ma tistax tinkiseb iktar. Fil-qosor, dan l-għan jista' jinkiseb billi jingħataw fondi lil proġetti disinjati biex:

- tiżdied il-produttività mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent,
- titjeb il-kwalità, inklużi miżuri fitosanitarji,

⁴ Art. 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 u Art. 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/1999

⁵ ĠU L 108, tas-27.4.1999, pġ. 2

⁶ ĠU L 190, tat-23.7.1999, pġ. 14

⁷ Deċiżjoni E/2003/359 – K(2003)766

⁸ Deċiżjoni E/2004/644 – K(2004)1142

- jiġu adattati l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-*marketing* sabiex jintlaħqu l-livelli ta' kwalità tal-Komunità,
- jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet tal-produtturi li jiffokaw fuq it-titjib tal-*marketing* u fuq l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż il-kummerċ ġust tal-banana,
- ikunu żviluppati strateġiji fil-*marketing* u/jew il-produzzjoni immirati biex jilħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa mill-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-UE għall-banana,
- jgħinu lill-produtturi tal-banana biex jiżviluppaw metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż kummerċ ġust fil-banana,
- jgħinu permezz ta' taħriġ u informazzjoni fuq is-swieq, u jtejbu l-infrastruttura tad-distribuzzjoni,
- jgħinu fid-diversifikazzjoni kull meta l-kompetittività tas-settur tal-banana ma tkunx sostenibbli.

2.2. Rappurtar

L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill jispeċifika li “*sal-31 ta' Diċembru 2000, u f'għeluq kull sentejn wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament, flimkien ma proposti jekk meħtieġa*”. Dan ir-rapport jaderixxi ma' dak l-obbligu fir-rigward tas-snin 2003 u 2004. Ir-rapport preċedenti, li ttratta s-snin 2001 u 2002, inħareġ fit-23.12.2002.⁹

3. INFORMAZZJONI DWAR IS-SUQ

Fl-2003, il-produzzjoni dinjija tal-banana kienet ta' madwar 69 miljun tunnellata (68 miljun tunnellata fl-2002). L-akbar produttur huwa l-Indja (23.8% tal-popolazzjoni tad-dinja) filwaqt li l-esportaturi prinċipali huma l-Ekwador, il-Kosta Rika, il-Filippini u l-Kolumbja, li fl-2002 flimkien kienu jikkontrollaw 63% ta' l-esportazzjoni dinjija tal-banana.

L-ikbar swieq ta' l-importazzjoni tal-banana huma l-Istati Uniti (3.9 miljun tunnellata fl-2002) u l-UE (3.3 miljun tunnellata fl-2002). Kważi l-banana kollha importata fl-Istati Uniti hija ta' oriġini Amerikana Latina. Bil-maqlub, il-banana mill-Amerika Latina (63%) taqsam is-suq ta' l-UE flimkien ma' l-importazzjoni mill-ACP (19%) u l-produzzjoni mill-Komunità (18%).

Fl-2002, kważi 95% ta' l-esportazzjoni kollha tal-banana ta' l-ACP kienet mibjugħa lill-UE. Fl-2003, l-importazzjoni tal-banana mill-Kosta ta' l-Avorju u l-Kamerun kienet tammonta għal 63% (61% fl-2002) ta' l-importazzjoni kollha mill-ACP lill-UE.

⁹ KUM(2002)763 finali

L-UE hija suq attraenti għall-fornituri tal-banana minħabba l-prezzijiet iktar għoljin, meta mqabblin mas-suq ta' l-Istati Uniti, kif jirriżulta mis-sistema tal-kwoti u d-differenzi kemm fid-dazji u kif ukoll fl-ispejjeż tat-trasport. Fl-2003, il-medja tal-prezzijiet tal-provvisti mill-Amerika Latina kienet ta' €621/t, u l-medja tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ta' l-ACP laħqet is-€616/t. Madankollu, jistgħu jidhru differenzi sinifikattivi fost il-fornituri ta' l-ACP: fl-2003, il-medja tal-prezzijiet għall-banana li toriġina mill-Belize kienet tammonta għal €501/t, filwaqt li għall-banana mill-Kosta ta' l-Avorju l-medja tal-prezzijiet kienet tammonta għal €676/t.

4. REĠIM DWAR IL-KUMMERĊ FL-UE

Ir-reġim dwar il-kummerċ fl-UE fir-rigward tal-banana ma nbidilx mil-aħħar rapport ta' l-SFA.

Mill-1 ta' Jannar 2002, l-importazzjoni tal-banana ġewwa l-Komunità kienet regolata minn kwoti tat-tariffi u liċenzji ta' importazzjoni allokatu fuq il-bażi tal-kummerċ tal-passat.

It-tliet kwoti tat-tariffi li ġejjin japplikaw: kwota A ta' 2 200 000 tunnellata b'tariffa ta' €75/t (€0 għall-banana ta' l-ACP); kwota B ta' 453 000 tunnellata b'tariffa ta' €75/t (€0 għall-banana ta' l-ACP); kwota Ċ ta' 750 000 tunnellata b'tariffa ta' €0/t (riservata għall-banana ta' l-ACP). Il-kwoti A u B huma miftuħin għall-banana ta' kull oriġini; il-kwota Ċ hija riservata għall-pajjiżi ta' l-ACP.

L-importazzjoni ta' banana barra minn dawn il-kwoti hija suġġetta għal dazju doganali ta' €680/t. Il-pajjiżi ta' l-ACP igawdu minn tariffa preferenzjali ta' €300/t.

Wara t-tkabbir ta' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004, saru arranġamenti xierqa biex tkun garantita provvista adegwata ta' banana lil konsumaturi fil-Komunità mkabbra. Għal dan il-għan, il-volumi kurrenti ta' l-importazzjoni tal-banana ġew miżjuda bi kwantità addizzjonali ta' 300 000 tunnellata għall-perjodu 1 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2004.

Fil-kuntest ukoll tat-tkabbir ta' l-UE, fil-kors ta' l-2004 l-UE uriet li hija lesta tinnegozja mal-membri rilevanti tal-WTO kumpens ta' kummerċ possibbli skond l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT għaż-żjieda fid-dazji ta' l-importazzjoni fir-rigward tal-banana bħala riżultat ta' l-applikazzjoni tat-tariffa 15 ta' l-UE lill-Istati Membri ġodda.

Fl-aħħarnett, meta tqis li fir-Regolament dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni fir-rigward tal-banana, fil-Ftehim fuq il-Banana ma' l-Ekwador u l-Istati Uniti, u fir-rinunzi tal-WTO ta' l-Artikolu 1 tal-GATT rigward il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ACP-KE, hemm previst id-dħul fis-seħħ ta' reġim ta' importazzjoni bbażat biss fuq it-tariffi sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2006, fil-15 ta' Lulju 2004 l-UE nnotifikat lil-WTO bl-intenzjonijiet tagħha li temenda l-konċessjonijiet tal-WTO dwar il-banana skond il-proċeduri ta' l-Artikolu XXVIII tal-GATT.

Sa fejn jikkonċerna l-fornituri tal-banana ta' l-ACP, il-Kummissjoni hija marbuta li tonora l-obbligi tagħha li joħorġu mill-Ftehim ta' Cotonou u għalhekk bi ħsiebha tagħti attenzjoni partikolari għall-implikazzjonijiet tal-bidla fir-reġim ta' l-importazzjoni tagħha għall-produtturi tal-banana ta' l-ACP, biex teżamina modi xierqa kif tindirizza s-sitwazzjoni speċifika tagħhom, inkluż l-aċċess preferenzjali għall-prodotti ta' l-ACP, u li tfittex li żżomm livell ta' preferenza għall-pajjiżi ta' l-ACP ekwivalenti għal dak mogħti mill-Komunità mkabbra għal 25.

5. DEĊIŻJONIJIET FINANZJARJI

5.1. Entrata fil-Baġit ta' l-2003

Il-Proposti Finanzjarji preparati mit-12-il pajjiż benefiċjarju ta' l-ACP kienu approvati kollha fil-Kumitat EDF ta' Novembru 2003. Minkejja li l-impenni finanzjarji kienu ġew adottati kollha fl-aħħar ta' l-2003, l-iffirmar tal-ftehim finanzjarji korrispondenti kien possibbli biss fl-aħħar ta' l-2004, minħabba l-eżerċizzju ta' verifika skond l-Artikolu 164 tar-Regolamenti Finanzjarji (ħlief għas-Somalja li kien iffirmit iktar kmieni, billi l-kontroll tal-programm kien ċentralizzat). Dan ta' l-aħħar, mwettaq f'Ottubru/Novembru 2004, jivverifika l-konformità mal-kriterji li jirrigwardaw il-kontroll deċentralizzat.

L-ammont totali tal-ftehim finanzjarji ta' l-2003 huwa ta' €40 miljun u ġie allokat kif jidher fl-Anness 1.

5.2. Entrata fil-Baġit ta' l-2004

L-ammonti indikattivi ta' l-2004 kienu ġew mgħarrfa lill-istati benefiċjarji f'April 2004. Billi t-12-il pajjiż kollha ppreżentaw proposti finanzjarji, ma kienx hemm il-ħtieġa ta' allokazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi mhux użati.

L-ammont totali ta' l-allokazzjonijiet ta' l-2004 huwa kemmxejn inqas mis-snin ta' qabel, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (Nru) Nru 856/1999:

“Mis-sena 2004 [...] għandu jiġi applikat ko-effiċjent massimu ta' tnaqqis ta' 15% fuq il-livell ta' assistenza li jkun tqiegħed għad-disposizzjoni tal-fornituri tradizzjonali individwali ta' l-ACP. Fejn jiġu implimentati programmi definiti taħt l-Artikolu 3(2)(a) [immirati biex jagħtu spinta lill-produttività), dan il-ko-effiċjent ta' tnaqqis għandu jitnaqqas bl-itess limitu li tkun ġiet osservata żjieda fil-kompetittività meta mqabbla mas-sena ta' qabel”.

It-12-il proposta finanzjarja intbagħtu lill-Kumitat ta' l-EDF ta' Novembru, li ta l-approvazzjoni tiegħu.

6. IMPLIMENTAZZJONI

Meta mqabbel mal-perjodu 1999-2002, il-proporzjon ta' l-ammonti allokatati fil-ftehim finanzjarji ta' l-2003 u 2004 biex jagħtu spinta lill-produttività tal-pjantaġġun tal-banana, ikompli jonqos.

Il-proporzjon tad-diversifikazzjoni għall-produttività fl-ammonti allokatati fl-2003 u l-2004 kienu 171% u 178% rispettivament, iżjedda mill-81% u l- 178% fl-2001 u fl-2002 (ara Anness VI).

Kif indikat fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (Nru) Nru 856/1999, “*tiġi mogħtija assistenza teknika u finanzjarja [...] biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' programmi mmirati [...] biex isostnu d-diversifikazzjoni fejn it-tijib fil-kompetittività fis-settur tal-banana m'huwiex sostenibbli*”.

Mill-24-il ftehim ta' finanzjament, 16 minnhom allokaw fondi għall-proġetti ta' diversifikazzjoni.

6.1. Diversifikazzjoni

Il-programmi li jinkoraġġixxu d-***diversifikazzjoni*** jimmiraw prinċipalment għat-taħriġ mill-ġdid għall-bdiewa li jikkoltivaw il-banana.

- Santa Luċija, San Vincenz u l-Grenadini, Dominika, Grenada, Kap Verde, is-Somalja u l-Madagaskar ippjanaw li jagħmlu użu mill-ammont sħiħ ta' l-allokazzjonijiet tagħhom għall-2003 u l-2004 għall-proġetti ta' sostenn agrikolu u istituzzjonali.
- L-allokazzjonijiet ta' l-2003 u l-2004 għall-Ġamajka huma mifruxa fuq iż-żewġ setturi: li jingħata inkoraġġiment lill-produttività u d-diversifikazzjoni.
- Sitta mit-tmien pajjiżi li qed jimplimentaw il-proġetti ta' diversifikazzjoni bl-għajjnuna ta' l-allokazzjonijiet tagħhom ta' l-2003-2004 inkludew ukoll parti dwar assistenza teknika speċifika fil-programmi tagħhom.

6.2. Inkoraġġiment lill-Produttività

Proġetti mmirati għaż-***ijieda fil-produttività tal-pjantaġġuni tal-banana*** qed jitwettqu f'5 mit-12-il pajjiż. Fl-2003 u l-2004, dawn il-proġetti jinkludu attivitajiet dwar:

- tisqija u drenaġġ fil-Kamerun, Kosta ta' l-Avorju, Ġamajka u Surinam;
- tiġdied ta' pjantaġġuni fil-Kamerun, il-Kosta ta' l-Avorju u l-Belize;
- ippakkjar u ħażna ta' uçuħ tar-rabà fil-Kamerun, fil-Kosta ta' l-Avorju u fis-Surinam;

- proġetti ta' infrastruttura u soċjali fil-Kamerun, fil-Kosta ta' l-Avorju u fil-Belize;
- assistenza teknika speċifika fil-Kosta ta' l-Avorju, fil-Belize, fil-Ġamajka u fis-Surinam;
- ċertifikazzjoni ta' strumenti ta' produzzjoni fil-Kosta ta' l-Avorju sabiex jintlaħqu l-livelli ta' kwalità imposti mill-kondizzjonijiet tas-suq.

6.3. Pagamenti u Żburżar

It-tabelli fl-Annessi II, III u IV juru allokkazzjonijiet, pagamenti u żburzar għal kull SFA u kull pajjiż, rispettivament, fil-15/10/2004 u fil-31/12/2003.

Jidher tnaqqis drastiku fil-pagamenti fl-2004, prinċipalment minħabba l-ħtieġa biex proġetti dejjem sejrjn ikunu adattati għall-ħtiġiet tar-Regolamenti Finanzjarji ġodda li daħlu fis-seħħ fl-2003.

Ċertament, l-implimentazzjoni tal-proġett permezz tal-Pjanijiet tax-Xogħol ta' Kull Sena (AWP)¹⁰ ma kienetx aktar possibbli billi l-eżerċizzju ta' verifika skond l-Artikolu 164 tar-Regolamenti Finanzjarji ma kienx għadu ta l-konklużjonijiet tiegħu.

Kif jidher fl-Anness VIII, l-ammont imħallas fuq l-AWPs għall-proġetti implimentati bejn l-1999 u l-2004 huwa ta' €62.60 miljun filwaqt li l-iżburzar jilħaq il-€35.67 miljun.

Filwaqt li kien osservat dewmien konsiderevoli fl-implimentazzjoni ta' proġetti fl-2003 u fl-2004, is-sitwazzjoni għandha tmur għall-aħjar sal-bidu ta' l-2005 billi l-eżerċizzju ta' verifika skond l-Artikolu 164 tar-Regolamenti Finanzjarji jaħseb għal amministrazzjoni deċentralizzata f'bosta mill-pajjiżi.

7. KONTROLL

Filwaqt li ma ġew imwettqa ebda attivitajiet fil-ħin tal-missjoni inizjali ta' kontroll fil-pajjiżi kollha tal-Karibew fl-2001, intant il-proġetti rilevanti ġew mnedija b'suċċess.

Ġie kkuntrattat konsulent mid-DĠ AGRI fi ħdan l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni tal-Banana (CMO) biex iwettaq analiżi ristretta ta' l-SFA. Ġie miftiehem li t-termini ta' referenza jiġu estiżi sabiex jinkludu analiżi dettaljata dwar l-impatt ta' l-SFA mill-1999 sa l-2004.

¹⁰ Pjan ta' Ħidma ta' Kull Sena (AWP), msejjaħ ukoll stima ta' programm, huwa dokument li jstipula r-rzorsi umani u materjali meħtieġa, il-baġit, l-arranġament tekniċi dettaljati u dawk amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' proġetti fuq perjodu speċifikat.

Il-missjoni ta' kontroll tiffoka ukoll fuq l-Istrateġiji kurrenti tal-Banana u tagħmel stima tas-sensittività tagħhom għal-livell tat-tariffa waħdanija li tkun ser tiġi introdotta. Barra dan, il-programmi proposti u implimentati taħt l-SFA jiġu stmati għall-effikaċja tagħhom biex jikkontribwixxu għall-Istrateġija ta' kull pajjiż benefiċjarju.

Il-missjoni, li sejra żżur it-12-il pajjiż kollha kemm huma, bdiet fl-aħħar ta' l-2004 u għandha tippreżenta rapport sa nofs l-2005.

8. RAKKOMANDAZZJONIJIET U KONKLUŻJONIJIET

Minħabba l-eżerċizzju ta' verifika skond l-Artikolu 164 tar-Regolamenti Finanzjarji, matul l-aħħar sentejn kien hemm dewmien konsiderevoli fl-implimentazzjoni ta' proġetti. Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu taħseb għal amministrazzjoni deċentralizzata fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi konċernati. Għalhekk is-sitwazzjoni ta' l-implimentazzjoni għandha titjeb fil-bidu ta' l-2005.

B'mod parallel mat-tnaqqis tal-ko-effiċjenti ta' 15% għal-livell ta' assistenza mqegħda għad-disposizzjoni u t-tnaqqis b'mod proporzjonali maż-żjieda fil-kompetittività osservata, l-implimentazzjoni u l-ipprogrammar għaddew minn sostenn għall-kompetittività għal sostenn primarjament tad-diversifikazzjoni. Din it-tendenza kompliet fil-perjodu 2002-2004.

Fl-2002, kienet ġiet ikkummissjonata u mwettqa valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 856/1999. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, e.ż., l-ipprogrammar fuq bażi t'aktar minn sena biex jitnaqqsu l-passi amministrattivi u konsegwentement iħaffu l-proċess amministrattiv, instabu li ma kienux jikkorrispondu mal-ħtiġiet tar-Regolament ta' l-SFA u r-Regolament Finanzjarju. Ġew ikkummissjonati, mfassla u mwettqa rapporti oħrajn għal donaturi oħrajn.¹¹ Il-Kummissjoni hija fil-preżent fil-proċess li teżamina l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha bl-għan li tagħmel eħfef u aktar mgħaġġla l-implimentazzjoni ta' l-SFA fil-kuntest tal-qafas regolatorju eżistenti.

¹¹ Bħala eżempju, ir-rapport tan-NERA dwar il-Konsulenza Ekonomika "Li jindirizza l-impatt tat-tnaqqir bħala preferenza tal-banana fuq pajjiżi tal-Karibew" imwettaq għad-DFID f'Awissu 2004

WORKING DOCUMENTS

Introduction to the Annexes:

Annexes II (1999), III (2000), IV (2001), V (2002) and VIII (recapitulative) show per country:

- payments (transfer from EC account to double signature account)
- disbursements (final payments of invoices) for annual work programmes
- payments/disbursements for specific commitments.

ANNEX I: BANANA BUDGET LINE 21-03-18 (Ex B7-8710) COUNTRY ALLOCATIONS for 2003 AND 2004

Budget Line 21-03-18 (Ex B7 8710)		
<i>Special Framework of Assistance for Traditional ACP Suppliers of Bananas</i>		
	Allocation	Allocation
	2003	2004
	€	€
Africa		
Cameroon	4,500,000	4,380,000
Cape Verde	500,000	500,000
Ivory Coast	2,100,000	1,380,000
Madagascar	500,000	500,000
Somalia	2,600,000	2,070,000
Sub-total	<i>10,200,000</i>	<i>8,830,000</i>
Caribbean		
Jamaica	4,400,000	4,830,000
Belize	3,200,000	2,930,000
St Lucia	8,000,000	7,260,000
St Vincent	5,600,000	5,330,000
Grenada	500,000	500,000
Dominica	5,900,000	5,300,000
Suriname	2,200,000	2,310,000
Sub-total	<i>29,800,000</i>	<i>28,460,000</i>
Total	40,000,000	37,290,000
<p>* As approved by the Commission on 14 March 2003 in Decision E/2003/359 – C(2003)766, fixing the amounts available in 2003 under the special framework of assistance for traditional ACP suppliers of bananas (Council Regulation (EC) No 856/1999)</p> <p>** As approved by the Commission on 1 April 2004 in Decision E/2004/644 – C(2004)1142, fixing the amounts available in 2004 under the special framework of assistance for traditional ACP suppliers of bananas (Council Regulation (EC) No 856/1999)</p>		

ANNEX II:SFA 1999**Financial situation as at:15/10/2004 for payments
31/12/2003 for disbursements**

Beneficiaries	Amount of FA million EUR	Annual Work Plans		Separate commitments
		Payments	Disbursements	Payments/ Disbursements
Belize	3,100,000	2,868,807.04	1,795,431.79	NA
Cameroon	6,200,000	6,199,980.40	5,451,540.99 ¹²	NA
Cape Verde	-	-	-	-
Ivory Coast	4,700,000	4,647,882.75	4,484,405.22	NA
Dominica	6,500,000	4,131,374.71	973,502.14	245,551
Grenada	1,000,000	623,200	339,109.35	48,779.07
Jamaica	5,300,000	3,754,678.37	3,770,951.79 ¹³	1,339,567.48
Madagascar	-	-	-	-
St Lucia	8,500,000	6,500,209.49	5,118,309.35	487,232.71
St Vincent & Grenadines	6,100,000	2,690,695.56	0	458,655.67
Somalia	-	-	-	-
Suriname	3,100,000	NA	NA	1,822,793.08
TOTAL	44,500,000	31,416,828.32	21,933,250.63	4,402,579
Total payments				35,819,407.33

¹² Approximate amount calculated at the exchange rate of December 2003.

¹³ The disbursed amount is higher than the one paid from HQ because of the exchange rates fluctuations.

ANNEX III: SFA 2000**Financial situation as at:15/10/2004 for payments
31/12/2003 for disbursements**

Beneficiaries	Amount of FA million EUR	Annual Work Plans		Separate commitments
		Payments	Disbursements	Payments/ Disbursements
Belize	3,100,000	2,063,725.48	2,871,103.12	NA
Cameroon	5,700,000	4,560,000	2,558,731.45 ¹⁴	NA
Cape Verde	600,000	NA	NA	37,992
Ivory Coast	4,350,000	3,220,424.80	377,694.97	NA
Dominica	6,500,000	NA	NA	360,009.27
Grenada	500,000	315,983.80	0	44,981.37
Jamaica	5,300,000	982,630.93	1,180,032.06 ¹⁵	1,077,177.86
Madagascar	-	-	-	-
St Lucia	8,875,000	5,255,730	1,784,366.81	618,615.04
St Vincent & Grenadines	6,450,000	NA	NA	360,009.27
Somalia	-	-	-	-
Suriname	2,700,000	NA	NA	694,864.62
Monitoring Africa	200,000	NA	NA	159,764.80
Monitoring Caribbean	200,000	NA	NA	160,000.00
TOTAL	44,475,000	16,398,495.01	8,771,928.41	3,513,414
Total payments				19,911,909.24

¹⁴ Approximate amount calculated at the exchange rate of December 2003.

¹⁵ The disbursed amount is higher than the one paid from HQ because of the exchange rates fluctuations.

ANNEX IV: FA 2001**Financial situation as at:15/10/2004 for payments
31/12/2003 for Disbursements**

Beneficiaries	Amount of FA million EUR	Annual Work Plans		Separate commitments
		Payments	Disbursements	Payments/ Disbursements
Belize	3,450,000	1,430,874.43	1,418,874.43	NA
Cameroon	5,600,000	NA	NA	NA
Cape Verde	-	-	-	-
Ivory Coast	2,850,000	NA	NA	NA
Dominica	6,700,000	3,064,000	513,069.68	NA
Grenada	500,000	348,303.48	0	NA
Jamaica	5,000,000	2,418,827	1,485,518.03	NA
Madagascar	-	-	-	-
St Lucia	9,200,000	6,013,863	1,548,542.64	NA
St Vincent & The Grenadines	6,400,000	NA	NA	NA
Somalia	600,000	NA	NA	530,859.26
Suriname	2,700,000	NA	NA	1,079,017.34
Evaluation/ Monitoring	500,000	NA	NA	139,175.01
TOTAL	43,500,000	13,275,867.91	4,966,004.78	1,749,052
Total payments		15,024,919.52		

ANNEX V:SFA 2002

**Financial situation as at:15/10/2004 for payments
31/12/2003 for disbursements**

Beneficiaries	Amount of FA million EUR	Annual Work Plans		Separate commitments
		Payments	Disbursements	Payments/ Disbursements
Belize	3,500,000	NA	NA	NA
Cameroon	5,100,000	NA	NA	NA
Cape Verde	500,000	NA	NA	NA
Ivory Coast	2,600,000	NA	NA	NA
Dominica	6,400,000	NA	NA	NA
Grenada	500,000	NA	NA	NA
Jamaica	4,700,000	1,113,600	0	NA
Madagascar	500,000	400,000	0	NA
St Lucia	8,800,000	NA	NA	NA
St Vincent & The Grenadines	6,100,000	NA	NA	NA
Somalia	2,800,000	NA	NA	NA
Suriname	2,500,000	NA	NA	584,245.71
TOTAL	44,000,000	1,513,600	0	584,246
Total payments		2,097,845.71		

ANNEX VI: Overview of activities by type of assistance


Country	Boosting Productivity													Diversification											TOTAL		
	1999		2000		2001		2002		2003		2004		Total	1999		2000		2001		2002		2003		2004		Total	
	Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type		Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type	Amount	Type	Amount		Type	
Belize	3,10	(1)	3,10	(2/6)	3,00	(1)	2,70	(2/3)	3,20	(2/11/14)	2,93	(2/11/14)					0,45	(9/10)	0,80	(7)						1,25	1,25
Cameroon	6,20	(1/2/5/11)	5,70	(1/2/5/11)	5,60	(1/2/5/11)	5,10	(1/2/5/11)	4,50	(1/2/3/5/6/11)	4,38	(1/2/3/5/6/11)	31,48													0,00	31,48
Cape Verde														0,50	(7)					0,50	(7)	0,50	(7/14)	0,50	(7/14)	2,00	2,00
Dominica	5,80	(1/14)	5,46	(1/14)										0,70	(7/10)	1,04	7	6,70	(7/11)	6,40	(10/13)	5,90	(9/14)	5,30	(13/14)	26,04	26,04
Grenade	0,40	(1/5/8/14)	0,50	(1/14)									0,90	0,60	(14)			0,50	(10)	0,50	(10)	0,50	(12/13/14)	0,50	(14)	2,60	3,50
Ivory Coast	4,32	(1/2/5/14)	4,05	(1/2/5/9/14)	2,60	(1/2/5/9/14)	2,60	(6/7/14)	2,10	(1/2/5/9/14)	1,38		17,05	0,38	(7/14)	0,30	(7/14)	0,25	(7/14)							0,93	17,98
Jamaica	5,30	(3/5/6/12)	5,30	(1/2/3/4/5/6/8)	3,47	(10)	2,90	(1/2)	2,75	(1/12/14)	2,42	(1/12/14)	22,14					1,53	(14)	1,80	(7)	1,65	(7/14)	2,42	(7/14)	7,40	29,53
Madagascar													0,00						0,50	(7)	0,50	(7)	0,50	(7)	1,50	1,50	
St Lucia	5,80	(1/14)	5,38	(1/14)									11,18	3,40	(7/11)	3,50	(7/11)	9,20	(7/10/11)	8,80	(7/10/11)	8,00	(7/13/14)	7,26	(7/11/14)	40,16	51,34
St Vincent & Grenadines	6,10	(5/8/14)	6,45	(5/8/14)	6,40	(8/14)							18,95						6,10	(11/13)	5,60	(14)	5,33		17,03	35,98	
Somalia													0,00					0,60	(7)	2,80	(7)	2,60	(1/7/14)	2,07	(1/7)	8,07	8,07
Suriname	3,10	(1/14)	2,70	(1)	2,70	(1)	2,50	(1)	2,20	(1/5)	2,31	(1/12/14)	15,51												0,00	15,51	
TOTAL	40,12		38,64		23,77		15,80		14,75		13,42		85,73	5,58		4,84		19,23		28,20		25,25		23,88		106,98	192,70
Ratios of financing: diversification/boosting productivity in %													14%		13%		81%		178%		171%		178%				

1) Irrigation and drainage 2) Renewal of plantations (3) Phyto-sanitary treatment (4) Fertiliser (5) Packing (6) Cold storage (7) Agriculture/rural development (8) Roads (9) Social infrastructure (10) Microcredit (11) Social projects (12) Training (13) Institutional support (14) Technical Assistance

MT

MT


ANNEX VII:CHART:Global payments on AWP over Global Payments on Specific Commitments



MT

MT

ANNEX VIII:CHART:Global payments over Global Disbursements on AWP only



	Global Payments on AWP only (million EUR)	Global Disbursements on AWP only (million EUR)
SFA 1999	31.42	21.93
SFA 2000	16.40	8.77
SFA 2001	13.27	4.97
SFA 2002	1.51	0.00
Total	62.60	35.67